MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 1284/2007/1

**Salv Bezzina & Sons Limited**

**v.**

**Paul Borg**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul minn Paul Borg [“l-appellant”], ir-rikorrent fil-proceduri odjerni, minn sentenza [“is-sentenza appellata”] moghtija fl-14 ta’ Gunju 2011 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba tieghu ghat-thassir tas-sentenza moghtija fis-17 ta’ Ottubru 2007 fil-kawza numru 520/07 fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited [C-C350] v. Paul Borg** u ghas-smigh mill-gdid ta’ dik il-kawza, liema talba ghar-ritrattazzjoni hija bazata fuq l-paragrafu [b] tal-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Il-Fatti**

2. Il-kawza odjerna tirrigwarda notifika li saret lill-appellant fil-kawza fuq citata u li fiha huwa konvenut, bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187 [3] tal-Kap. 12.

3. Mill-atti[1] tal-kawza fuq citata jirrizulta li l-indirizz residenzjali tal-appellant huwa indikat bhala numru 42 Triq il-Hawt, Swieqi. Qabel ma saret in-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, il-Marixxall Raymond Pace kien diga` mar darbtejn biex jipprova jinnotifika lill-appellat, darba fit-22 ta’ Mejju 2007 u darba ohra, wara l-hinijiet legali, fis-19 ta’ Gunju 2007. Ir-riferti jghidu li f’dawn id-dati ma setghetx issir in-notifika peress li ma kien fetah hadd.

[1] Allegati mal-atti tal-proceduri odjerni b’digriet tal-24 ta’ Gunju 2010 [fol. 52]

4. Sussegwentement, u wara digriet moghti mill-Qorti, saret in-notifika bl-imsemmija procedura, u apparti l-affissjonijiet fl-ghassa tal-pulizija u fil-bini tal-Kunsill Lokali, tal-istess lokal, il-marixxal effettwa l-affissjoni mar-residenza tal-appellant billi wahhal l-avviz mal-grada tal-istess residenza.

5. Mill-provi jirrizulta li r-residenza tal-appellant hija f'kantuniera, u ghalhekk parti qeghda fi Triq il-Hawt u parti ohra qeghda fit-triq ohra li skont l-appellant jisimha Triq l-Ilqugh.

6. Fl-affidavit tieghu l-appellant, korroborat ukoll mill-affidavit ta' martu Mary Borg, jghid li huma qatt ma rcevew kopja tar-rikors guramentat fil-kawza 520/07 u kien ghalhekk li baqghu kontumaci f'dik il-kawza.

7. Fix-xhieda tieghu l-Marixxal Raymond Pace, ghalkemm ma kienx ftakar certu dettalji minhabba t-trapass taz-zmien, sostna kategorikament li hu kien wahhal l-avviz mal-grada li taghlaq il-*front garden* qabel ma tasal ghall-bieb principali tad-dar tal-fond 42 Triq il-Hawt, Swieqi, u dan skont l-indirizz indikat fl-att gudizzjarju relattiv. Fix-xhieda tieghu huwa kien cert dwar il-fond fejn kellha ssir in-notifika tant li ddeskriva li dan kien sitwat f'kantuniera u li naha mid-dar kienet taghti ghal fuq Triq il-Hawt, izda ma kienx jaf jghid x'kien jismiha t-triq l-ohra li taghti ghan-naha l-ohra tad-dar.

8. Fl-affidavit[2] tieghu l-appellant jghid hekk:

---
[2] Redatt fl-1 ta' Gunju 2009.

> "Jiena u l-mara tieghi konna nghixu f'Le Nid, Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug prattikament tul hajti kollha, pero` matul dawn l-ahhar hames snin inzilt nghix gewwa Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi."[3]

9. Izda, fid-depozizzjoni tieghu sussegwenti li ta fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2010, ghad-domanda tad-difensur tieghu, l-appellant jghid li l-indirizz tieghu huwa 42 Le Nid, Triq l-Ilqugh, Swieqi.[4]

10. Imbaghad, fl-affidavit[5] ta' martu din tghid hekk:

> "Jien nirrisjedi ma' zewgi Paul Borg go 42, Le Nid, Triq l-Ilqugh, Swieqi…….Id-dar ghandha faccata fuq Triq l-Ilqugh pero` il-front garden idur ghal fuq Triq il-Hawt."[6]

**Is-Sentenza Appellata**

11. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

> "Illi s-sentenza odjerna hija limitata ghall-ewwel talba attrici fejn l-atturi a bazi ta' l-**artikoli 811 (b) u 812 tal-Kap 12** qed jitolbu li tigi revokata s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet **"Salv Bezzina & Sons Limited (C-C350) vs Paul Borg"** (Rikors Nru. 520/07/CFS).
>
> "Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li hawn qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha li s-socjeta` attrici ppruvat tinnotifika lill-konvenut fir-residenza tieghu 42, Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi izda kien hemm riferta negattiva ghax "ma fetah hadd" (ara a tergo ta' fol. 18 tal-process hawn allegat) u saret talba sabiex tali notifika ssir bl-affissjoni u pubblikazzjoni u jidher li l-affissjoni saret fir-residenza tal-konvenut fuq indikata, fl-Ghassa tal-Pulizija u wkoll fil-Kunsill Lokali Swieqi kif jidher mir-riferti datati 11 ta' Lulju 2007 (fol. 23 tal-istess process) u saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Lulju 2007 (fol. 24) u fil-Gazzetta lokali The Times tat-28 ta' Awissu 2007 (fol. 28) u fis-17 ta' Ottubru 2007 inghatat is-sentenza hawn impunjata.

---

3 Fol.28 – sottolinear tal-Qorti
4 Fol.53
5 Redatt fit-22 ta' Settembru 2010
6 Fol.59

"Illi jirrizulta li r-ritrattand jabita fil-post hawn indikat izda qed jghid li huwa qatt ma gie notifikat bl-istess att, tant li ma rceviex l-atti ta' dik il-kawza, u ghalhekk qed jitlob ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12** minhabba allegat nuqqas ta' notifika.
"Illi din il-Qorti rat ix-xhieda tal-imsemmi Paul Borg datata 24 ta' Gunju 2004 fejn ikkonferma li huwa u martu ghandhom ir-residenza taghhom proprio fil-post fuq imsemmi 42, Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi , li sabiex tidhol ghaliha hemm grada u passagg, u mbaghad il-bieb ta' barra, u jghid li qatt ma ra l-ebda avviz jew estratt tal-atti ta' dik il-kawza imwahhal mar-residenza tieghu. L-istess tghid martu b'affidavit datat 22 ta' Settembru 2010, izda tali xhieda hija kontradetta minn dik tal-Marixxal Raymond Pace moghtija fit-12 ta' Ottubru 2010 fejn l-istess ufficjal tal-Qorti xehed b'mod enfatiku li huwa kien jaf sew liema kienet id-dar u r-residenza tar-ritrattand, tant li ddeskriva u ftakar l-istat ta' l-istess, u xehed b'konvinzjoni li l-affissjoni saret mal-grada tal-istess residenza u dan billi wahhal l-inkartament 42, Le Nid, Triq il-Hawt, Swieqi, u dan anke peress li ma kienitx l-ewwel darba li mar biex jaghmel notifika fl-istess fond, u dan kif hareg car mill-istess disposizzjoni li din il-Qorti semghet *viva voce.*

"Illi minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li r-rittrattand qed effettivament jallega li l-affissjoni ma saritx sew ghaliex ma saritx mar-residenza tieghu, izda dan jinsab kontradett bl-iktar mod skjett mix-xhieda tal-Marixxal Raymond Pace, li jirrizulta li kien kategoriku fix-xhieda tieghu u fuq kollox kien cert li ghamel l-istess affissjoni mad-dar in kwistjoni u kien ghalhekk li hareg ir-riferta posittiva datata 11 ta' Lulju 2007 fil-process hawn ritrattat, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-istat ta' provi juru li l-affissjoni saret sew anke mar-residenza tal-ritrattand skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

"Illi ghalhekk ma hemm l-ebda bazi sabiex jinghad li r-rikors guramentat ma giex notifikat lill-parti telliefa, u dan peress li jirrizulta li n-notifika saret skond il-ligi bil-procedura tal- affissjoni u pubblikazzjoni, u ghalhekk it-talbiet tar-ritrattand Paul Borg qed jigu michuda."

## <u>L-Appell</u>

12. Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent qed jitlob li, ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tilqa' t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq indikata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` intimata Salv Bezzina & Sons Limited ["is-socjeta` appellata"].

13. Min-naha taghha s-socjeta` appellata qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**L-Aggravju**

14. Dan hu dirett lejn l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti li bis-sahha tieghu waslet ghad-decizjoni taghha.

15. Bazikament l-ilment tar-rikorrent huwa li l-indirizz residenzjali tieghu huwa fil-fond numru 42, fi Triq l-Ilqugh, Swieqi, u mhux Triq il-Hawt, Swieqi kif indikat fir-riferti relattivi, inkluza dik tal-affissjoni, registrati mill-imsemmi Marixxal.

16. Jghid li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghti affidament lill-verzjoni tal-marixxal imma kellha temmen il-verzjoni moghtija mill-appellant li ghandu 85 sena u martu li ghandha 79 sena. Filwaqt li jaghmel referenza ghal dik il-parti fejn matul id-depozizzjoni tal-marixxall l-ewwel Qorti canfret lill-marixxal meta dan ma kienx jaf jirrispondi ghal certu mistoqsijiet dettaljati, l-appellant jghid hekk:

> "Illi huwa ghalhekk, bid-dovut rispett, li l-appellant ma jistax jifhem kif imbaghad [wara c-canfira] l-ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq ix-xhieda tal-marixxal, skartat l-konsistenza *[sic]* tax-xhieda tal-appellant meta hija stess canfret lil marixxal waqt id-depozizzjoni tieghu."

17. Jghid ukoll li l-affissjoni ma saritx mal-bieb ta' barra tar-residenza taghhom izda *"man-net [hu jghidilha grada] li hemm ticcirkonda il-perimetru"* tal-proprjeta` taghhom.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

18. Fl-ewwel lok, ghandu jinghad, in tema legali, li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji [App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr.Graham Busuttil et** 10/01/1995]. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta" [App.C. **Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001].

19. Fil-kawza **Av.Dr.Henry Mamo v. Joseph Farrugia** deciza fis-7 ta' Lulju 2006 din il-Qorti osservat hekk:

> "Kif sewwa osservat din il-Qorti.. fil-kawza *Bezzina v. Falzon* [11/1/1995] 'Il-Qorti tal-Appell ma tistax tissostitwixxi dak il- konvinciment morali b'konvinciment morali iehor kuntrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta' Qorti ta' Appell, il-funzjonijiet u d-doveri ta' din il-Qorti huma ohra, huma ta' natura purament oggettivi fis-sens li kontra dak il-konvinciment morali soggettiv tat-Tribunal <u>li jkun sema' l-provi u wizinhom</u>[7] ghandha topponi elementi oggettivi ta' prova, jew inkella ta' dritt li jiggustifikaw lil din il-Qorti minhabba l-

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti

komposizzjoni plurali taghha, li fuq dawk l-elementi oggettivi hi tghaddi biex thassar jew telimina l-konvinciment morali soggettiv ta' l-ewwel gudikant, imma mhux altrimenti."

20. Referenza qed issir ukoll ghall-kawzi: **App. Marshall Marcus v. Aquilina Raymond** – 6/12/2002; App.Inf. **Carmelo Agius v. John Agius** 2/12/1994 Vol.XXVIII.II.336; **App. S. John Grima v. Victor Borg** – 28/11/2008 li ccitat bran mis-sentenza **App. S. Borg Barthet v. Carnik Contructions Limited** – 13/10/2008 fejn gie osservat:

> "Li l-gudikant in prim' istanza jkun "f'pozizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali semplicement a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xhieda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza taghha setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jghati hjiel tajjeb hafna lill-gudikant attent u ta' esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istes xhud ikun qed jiddeponi. Dana difficilment jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xhieda, izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall *body language* tax-xhud bhal ezitazzjonijeit fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh u movimenti li jun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xhieda, liema indikazzjonijet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veractia` o meno ta' dik ix-xhieda." [para.10]
>
> "Kif sewwa rrilevat il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza "*Xuereb Maria et v. Gauci Clement et*": "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita` u specjlament dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvincment tal-gudikant." L-istess Qorti fissentenza taghha tad-9 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza "*Joseph Spiteri v. Carmen Spiteri*" osservat li: "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lil Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola '*in dubio pro reo'*. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha." [App.S. *Av.Dr. Henry Mamo vs Joseph Farrugia* [supra].

21. Fit-tieni lok, din il-Qorti tirribadixxi li kummenti li jghaddi l-gudikant waqt is-smigh tal-kawza ma jirriflettu xejn hlief l-impressjoni tal-mument, u dak li jorbot u jiddeciedi gudikant ghandu johrog biss mis-sentenza [App.S.433/2014 SR **Environmental Solutions Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti**, deciza 6 Frar 2015].

22. Spjanat it-terren legali, issa din il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-aggravju fil-meritu.

23. L-appellant f'dawn il-proceduri qed isejjes it-talbiet tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq indikata fuq l-Artikolu 811 [b] tal-Kap.12 li jqieghed bhala wahda mir-ragunijiet li ghalihom huwa lecitu li tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawza:

> "jekk ir-rikors guramentat ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, gad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza."

24. Mill-provi jirrizulta li fil-kawza 520/07 kienet saret in-notifika permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kontemplata fil-Kap.12. Izda dwar l-affissjoni tar-rikors u tal-avviz tal-kawza mar-residenza hemm diskordju bejn il-partijiet fis-sens li, filwaqt li l-appellanti jsostni li din ma twahhlitx mar-residenza tieghu, l-appellati jsostnu li l-affissjoni saret u kienet valida skont il-ligi.

25. Fir-rigward xehedu l-appellant u martu, u l-marixxal li ghamel l-affissjoni. L-appellant jghid li, ghalkemm fuq ir-riferta hemm indikat li r-residenza tieghu hija fi Triq il-Hawt, fil-fatt dan mhux minnu ghax l-indirizz tad-dar tieghu huwa Triq l-Ilqugh. Min-naha tieghu l-Marixxal Raymond Pace, ghalkemm ma setghax jaghti l-isem tat-triq li kienet kantuniera ma' Triq il-Hawt, kien kategoriku fl-asserzjoni tieghu li hu wahhal l-avviz mal-grada tal-istess fond li jgib in-numru 42.

26. L-ewwel Qorti, wara li semghet ix-xhieda viva voce, waslet ghall-konkluzjoni li l-avviz kien effettivament twahhal mill-marixxal mal-grada tal-fond 42 Triq il-Hawt, Swieqi, u ghalhekk il-vot tal-ligi fir-rigward kien gie sodisfatt b'mod li l-appellant, allura konvenut, f'ghajnejn il-ligi jitqies debitament notifikat.

27. Jigi osservat li l-oneru tal-prova tal-fatt jirrisjedi fuq min jallega dak il-fatt, f'dan il-kaz l-appellant. Jidher pero` li dan ma kkonvinciex lill-ewwel Qorti li l-indirizz proprju tieghu hu 42 Triq l-Ilqugh u mhux Triq il-Hawt. L-ewwel Qorti kellha ragun li ma taghtix affidament lil appellant ghax l-istess appellant fl-affidavit tieghu jghid li wara li ma baqghux joqghodu Haz Zebbug, hu u martu marru joqghodu 42 Triq il-Hawt, Swieqi. Ghalhekk mill-atti jirrizulta car li l-appellant kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu. Jidher li meta xehed viva voce quddiem il-Qorti nesa' x'kien qal fl-affidavit tieghu.

28. Min-naha tal-marixxal, jigi osservat li, ghalkemm dan ma setax jaghti certu dettalji minhabba li kienu ghaddew tlett snin mill-hrug tar-riferti tieghu, dana pero` kien kategoriku dwar il-fatt li hu kien wahhal l-avviz mal-grada li tghati ghall-fond 42 Triq il-Hawt, Zebbug.

29. Dwar id-diskors iebes tal-ewwel Qorti lill-marixxal meta dan kien qed jaghti x-xhieda tieghu, din il-Qorti tosserva li b'daqshekk ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma kienitx qeghda temmen il-verzjoni tieghu. Mill-kontenut ta' dak id-diskors jidher car li dik il-Qorti kienet qed tinsisti mieghu sabiex jipprova jiftakar certu dettalji partikolarment l-isem tat-triq li tmiss mat-triq l-Hawt. Izda din il-Qorti tosserva li l-isem ta' dik it-triq ma kienx daqshekk importanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza, tenut kont tal-fatt li l-istess appellant fl-affidavit tieghu stqarr li hu kien joqghod fi Triq il-Hawt. Jirrizulta li meta l-ewwel Qorti ezaminat l-atti u waslet ghad-decizjoni taghha, hija wkoll rrilevat dan il-fatt u tatu certu piz kif jirrizulta mis-sentenza appellata.

30. Fl-ahharnett u b'enfazi qawwi din il-Qorti tosserva li, tenut kont li kien l-obbligu tal-appellant li jipprova dak allegat minnu, u cioe` l-indirizz ufficjali tar-residenza tieghu, kien mistenni li dan jezebixxi kopja tal-karta tal-identita` tieghu jew kopja tal-estratt relattiv mir-Registru Elettorali. Izda minn dan ma ghamel xejn u, minflok, strah fuq ix-xhieda tieghu u ta' martu, liema xhieda tieghu kienet kontrastata minnu stess kif fuq indikat.

31. Ghaldaqstant l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez a kariku tal-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------